**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 398/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Miguel Zammit**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Miguel Zammit**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 04898(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-2 ta' Ottubru 2021 għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħodu (07.30hrs) ġewwa San Pawl il-Baħar:

1. ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa jew ipprova jieħu xi għasafar li huma protetti taħt dawn ir-Regolamenti ċioè Fjamingi (Flamingos) (Phoenicopterus Roseus) li jinstabu taħt Skeda IX jekk mhux skont dawn ir-Regolamenti u skont il-

kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha u dan bi ksur tar-Regolament 4(1)(a) ta' L.S. 549.42;

2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kellu fil-pussess jew kellu fil-kontroll tiegħu jew żamm kampjuni ta' għasafar, kemm ħajjin jew mejtin, jew parti li tista' tingħaraf jew derivattivi tagħhom ċioè għasafar li mhux inklużi fl-Skeda II jew fl-Skeda III ċioè Phoenicopterus Roseus inkluża fl-Skeda IX, u meta dawk l-għasafar ma kienux ġew iddikjarati u reġistrati ma' l-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u mingħajr ma kien fil-pussess tal-permessi, jew ċertifikati ta' reġistrazzjoni maħruġa mill-Awtorita' Kompetenti għaż-żamma ta' dawk l-għasafar skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 21, jew ikunu ġew impurtati legalment skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 6(1)(a), jew ġew meħuda jew akkwistati legalment fi Stat Membru jew imrobbija fil-magħluq u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(e) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42;

3. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, kiser xi dispożizzjoni, restrizzjoni, jew projbizzjoni imposti minn jew taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u ċioè billi ittanta jżomm lil xi għasfur, kemm ħaj kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew III, u ċioè Phoenicopterus Roseus (inkluż fi Skeda IX), meta dawk l-għasafar ma kienux ittieħdu fi Stat Membru ieħor fejn ikun jista' jittieħdu jew jinqabdu legalment taħt id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar selvaġġi kif ukoll taħt il-liġijiet ta' dak l-iStat Membru l-ieħor u dak l-għasfur ma kienx miġjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) u 27(1)(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja li xi għasfur minbarra dawk imsemmija fl-Iskeda II tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioè Flamingo Phoenicopterus Roseus) (inkluż fi

Skeda IX) u dan bi ksur ta' Regolament 5(1) tal-L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkaċċja fuq l-art xi għasfur li mhux elenkat fit-Taqsima A tal-Iskeda II, Phoenicopterus Roseus (inkluż fi Skeda IX) u dan bi ksur ta' Regolament 5(3)(a) tal-L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* ċioè l-armi u l-munizzjon u t-tajr misjuba fil-pussess ta' l-imputat kif ikkontemplat fl-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba illi, barra li tagħti l-piena taħt ir-Regolament 27(2)(a) L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u r-revoka permanenti ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' Settembru 2022 (*a fol.* 248 *et seq.*) fejn il-Qorti, wara li rat Regolamenti 4(1)(a), 5(1) u (3) kif ukoll Regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006, sabet lill-imputat mhux ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni iżda ħati tal-ewwel, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni. Konsegwentement, il-Qorti kkundannat lill-imputat għall-piena ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' sena. Il-Qorti ordnat ukoll ir-revoka permanenti tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa f'isem il-ħati skont ir-Regolamenti msemmija u skont it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija. Fit-termini ta' Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll Regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006, il-Qorti

ordnat ukoll il-konfiska tal-*corpus delicti*, inkluż tal-arma elevata u formalment eżebita fl-atti proċesswali. Fl-aħħar nett, a tenur ta' Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, l-Ewwel Qorti ordnat lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' l-esperti fil-proċeduri fi żmien tliet xhur mid-data tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 2022 (*a fol.* 266 *et seq.*) fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"Tirrevoka u tħassar f'dik il-parti tas-sentenza msemmija fejn sabitu ħati tal-ewwel, ir-raba' u l-ħames akkużi, tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni u konsegwentement, tilliberah minn kull ħtija u piena. B' mod alternattiv, in vista tal-fatti u l-provi kif esposti tagħti piena aktar idoneja għall-każ in kwistjoni."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-Appell tiegħu l-appellant jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tħassar dik il-parti tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fejn sabitu ħati tal-ewwel, tar-raba' u tal-ħames imputazzjoni, filwaqt li tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni. B'mod alternattiv jitlob li jingħata piena aktar idonea.

Illi l-fatti li seħħew huma relattivament sempliċi b'dana illi fit-2 ta' Ottubru 2021 għal ħabta tas-7.30am ħdejn il-ponta tal-Qawra taħt it-torri ta' Fra Ben kienet għaddejja qtajja ta' ħames fjamingi li kienet ġejja minn naħa tal-Coast Road u kienu qed itiru lejn il-

ponta tal-Qawra u f'ħin minnhom xi ħadd spara fuqhom. Mix-xiehda li nstemgħet mhux ċar kemm il-tir ġie sparat fuqhom pero' mill-ħames fjamingi jidher li nqatlu tliet adulti u ferħ waqt li wieħed baqa' sejjer. Mill-atti jirriżulta li mill-erba' fjamingi li nqatlu ġew irkuprati mill-baħar tlieta. Jidher ukoll mir-ritratti (*a fol.* 77 *et seq.*) u mill-filmat (*a fol.* 236A) li l-ġurnata kienet waħda b'maltemp u l-baħar jidher li kien imqalleb.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant iressaq is-segwenti aggravji:

- l-ewwel aggravju huwa dwar il-lok li hemm fl-imputazzjonijiet;

- it-tieni aggravju huwa dwar identifikazzjoni u investigazzjoni u dan jinqasam fi tnejn:

    - apprezzament dwar ix-xhieda ewlenin Caldon Mercieca u Nicholas Barbara,

    - apprezzament tal-provi dwar l-investigazzjoni;

- it-tielet aggravju huwa dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju l-appellant jargumenta li l-lok fejn seħħ l-akkadut ma ġiex ippruvat għax l-atti kollha u x-xhieda ndikaw li l-inċident seħħ fil-ponta tal-Qawra u mhux San Pawl Il-Baħar. L-unika persuna li tgħid li l-akkadut seħħ San Pawl il-Baħar huwa l-iSpettur investigattiv. Jirreferi għal Avviż Legali 240 tal-2022 fejn il-ponta tal-Qawra ġiet dikjarata riserva naturali u mkien f'dan l-avviż ma hemm riferenza li l-ponta tal-Qawra tagħmel parti minn San Pawl il-Baħar.

Illi l-Qorti tirreferi għal Kapitolu 363 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar Gvern Lokali) fejn fit-Tieni Skeda tiegħu hemm pjanti tal-lokalitajiet u l-konfini tagħhom u dwar San Pawl il-Baħar hemm

żewġ pjanti. Fit-tieni waħda tidher il-ponta tal-Qawra. Din il-porzjon art tidher b'mod ċar li taqa' fil-konfini ta' San Pawl il-Baħar. B'hekk il-Qorti ma għandhiex għalfejn tidħol fl-mertu tal-argumenti l-oħra mressqa taħt l-ewwel aggravju peress li fid-dawl ta' dak li ngħad, il-Qorti ser tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tieni aggravju</u> jikkonċerna identifikazzjoni u investigazzjoni. F'dan l-aggravju l-appellant jattakka l-kredibilita' tax-xiehda mogħtija minn Caldon Mercieca u Nicholas Barbara minħabba li allegatament ir-rabta tagħhom mal-assoċjazzjoni Birdlife twassalhom sabiex jippromwovu l-aġenda tagħhom.

Illi dwar ix-xiehda ta' Caldon Mercieca, l-appellant jilmenta li l-identifikazzjoni magħmula sserraħ fuq il-fatt li s-suspettat kellu xahru mqaxxra u kellu t-*tattoos*. Jilmenta wkoll li Mercieca ma rax tajjeb għax wiċċu kien mogħti mill-*mobile* u wara kien mgħotti mis-senter. Jirreferi għall-fatt li Mercieca ammetta li hu (l-appellant) kien daru lejh kif ukoll qatt ma rah jikkarga s-senter. Jilmenta li Mercieca seta' kien taħt stress qawwi meta seħħew il-fatti u għalhekk ix-xiehda tiegħu tiġi mxejna. Jattakka l-kredibilita' ta' Mercieca meta dan ta' l-aħħar ma setax jidentifika lil Pawlu Cauchi u jgħid li seta' jara biss is-*silhouette*. Jitressaq l-ilment dwar l-identifikazzjoni li ngħatat tiegħu u jkompli li mix-xiehda ta' Nicholas Barbara jidher biċ-ċar kemm huwa diffiċli li jiġi identifikat. L-appellant jgħaddi sabiex jidentifika xi diskrepanzi dwar ix-xiehda li ngħatat fuq x'kien liebes.

Illi dwar ix-xiehda ta' Nicholas Barbara, l-appellant jisħaq li dan wasal fil-post ta' osservazzjoni tiegħu wara li ġraw il-fatti u li Barbara kien impreċiż u għamel ħafna assunzjonijiet.

Illi dwar l-investigazzjoni, l-appellant jilmenta li l-Pulizija straħu fuq l-evidenza provduta mir-rappreżentanti tal-Birdlife u naqsu milli jagħmlu investigazzjoni proprja. Jgħid li ħadd ma kellem lil Mercieca u lanqas ma hemm provi ta' x'kien liebes Paul Cauchi u

Mauro Zammit. Fl-aħħar jilmenta dwar il-fatt li l-fjamingu li allegatament waqa' ma' l-art sparixxa.

Illi r-rwol ta' din il-Qorti huwa li tara jekk mill-provi prodotti l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha.

Illi l-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant meta jirreferi għal fjamingu li allegatament waqa' fuq l-art. Il-Qorti tgħid dan minħabba li meta Caldon Mercieca xehed quddiem l-Ewwel Qorti (*a fol.* 17a *et seq.*) huwa xehed li l-fjamingi waqgħu kollha fil-baħar u b'hekk ma hemm l-ebda misteru dwar ir-raba' fjamingu.

Illi li huwa ċert huwa l-fatt li meta l-fjamingi waslu mal-ponta tal-Qawra huma nqatlu. L-appellant jipprova jallega li seta' kien hemm persuni oħra fuq il-ponta tal-Qawra. Il-Qorti tirreferi għall-istqarrija (Dok. "EM 2" – *a fol.* 11 *et seq.*) rilaxxata mill-appellant fejn la jsemmi li sema' xi sparar ieħor u lanqas ma jgħid li kien hemm xi ħadd ieħor fuq il-ponta tal-Qawra meta kien hemm huwa. Li kieku l-isparar sar minn xi ħadd ieħor tal-inqas wieħed jippretendi li l-appellant kellu jisma xi ħoss f'dan ir-rigward. Iżda hu ma jsemmi xejn. L-unika ħaġa li jsemmi l-appellant huwa li x'ħin kien qed jgħum ra dgħajsa bajda u jipprova jallega l-possibilita' li forsi spara fuq il-fjamingi min kien fuq din id-dgħajsa. Għandu jingħad li din id-dgħajsa ma ra ħadd ħlief l-appellant!

Illi jidher biċ-ċar mid-depożizzjoni mogħtija minn Caldon Mercieca li l-persuna li kienet qed tispara fuq il-fjamingi kien l-appellant. Dwar is-senter il-Qorti sejra tqis li l-ħadida kienet għadha nstallata għax ħadd mix-xhieda ma qal li ra lill-appellant ineħħieha. Iżda lanqas dan ma huwa xi prova li l-appellant ma qatilx il-fjamingi. Huwa paċifiku li tir ta' senter jiftaħ u huwa ferm faċli li bl-istess tir jintlaqat aktar minn għasfur wieħed.

Illi filwaqt li huwa minnu dak li jgħid l-appellant li għajr għal Caldon Mercieca x-xhieda l-oħra kollha waslu fuq il-post wara li seħħew il-fatti, pero' il-Qorti tirrimarka li x-xiehda ta' Mercieca

hija evidenza diretta u mhux ċirkostanzjali u l-evidenza mogħtija mix-xhieda l-oħra kull ma tagħmel tikkorrobora x-xhieda diretta ta' Mercieca liema xhieda hija kostanti, lineari u kif ukoll preċiża u l-Qorti ma tarax għalfejn għandha tiddubita minnha.

Illi l-ilment tal-appellant dwar il-fatt li Mercieca ma setgħax jidentifika lil Cachia u jirreferi li ra biss is-*silhouette* huwa ilment fjakk u dana peress li mid-depożizzjoni mogħtija mill-partijiet involuti, Cachia jidher li ma ħariġx mill-vettura u konsegwentement tenut kont li Mercieca kien iffukat fuq dak li kien qed jsir fuq il-ponta tal-Qawra mhux sorpriża li ma ffukax wisq fuq il-vettura ta' Cachia.

Illi tenut kont tal-fatt li hemm xiehda diretta li hija kredibbli u lineari, il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u b'hekk dan l-aggravju ser jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tielet aggravju jikkonċerna l-piena. Huwa jilmenta li l-Ewwel Qorti mponiet il-massimu tal-piena ta' priġunerija u ma mponietx multa li kienet fil-parametri tal-liġi. Jisħaq li ma jidhirx li hemm xi impatt fuq l-istatus tal-konservazzjoni protetta u li minbarra dan meta nqatlu l-għasafar in kwistjoni ma kien hemm ħadd għajr il-kaċċaturi l-oħra li jissemmew fl-investigazzjoni. Jgħid li ma kien hemm l-ebda valur ta' xi qligħ b'dak li allegatament għamel u li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx il-fatt li huwa kellu 23 sena meta ġara l-allegat fatt.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena

tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]

11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. […] Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena."

Illi l-Qorti taqbel ma' dak li ġie ċċitat hawn fuq. Huwa minnu li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti tista' tidher waħda iebsa, pero' dan waħdu ma jfissirx li din il-Qorti għandha tbiddel tali piena. Fl-analiżi tagħha, din il-Qorti trid tikkunsidra dak li jgħid wieħed mill-proviso taħt ir-Regolament 27(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

"Iżda wkoll, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-subregolament, waqt li tkun qed tikkonsidra s-serjeta' tar-reat, il-Qorti tista' tikkunsidra, fost l-oħrajn, dan li ġej:

(a) l-impatt li dak ir-reat għandu fuq l-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċi milquta;

(b) l-istatus ta' protezzjoni legali jew amministrattiv taż-żona fejn ikun seħħ ir-reat;

(ċ) il-ħsara possibbli li tista' ssir lill-bilanċ ekoloġiku taż-żona fejn ikun seħħ ir-reat;

(d) l-impatt ta' dak ir-reat fuq il-pubbliku ġenerali minħabba fil-post, ħin, speċi involuta jew kwalunkwe ħaġa oħra simili involuta fir-reat;

(e) il-valur intrinsiku tal-flora u l-fawna selvaġġa;

(f) il-benefiċċji soċjo-ekonomiċi tal-flora u l-fawna selvaġġa;

(g) l-interess pubbliku; u

(h) il-valur potenzjali tal-qligħ illegali."

Illi mid-depożizzjoni (*a fol.* 134 *et seq.*) mogħtija minn Stanley Gatt fit-23 ta' Novembru 2021 kif ukoll minn *The IUCN Red List Of Threatened Species* (Dok. "SGX" – *a fol.* 136 *et seq.*) jidher li l-fjamingi huma kategorizzati bħala *least concern*. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti l-impatt tar-reati fuq l-ispeċi milquta huwa wieħed baxx. Tenut kont ukoll li dawn l-għasafar huma għasafar migratorji huma għandhom impatt baxx fuq il-bilanċ ekoloġiku fuq iż-żona fejn ikun seħħ ir-reat.

Meħud in konsiderazzjoni dak li jirriżulta mill-atti proċesswali u kif ukoll dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti jidhrilha li għandha tilqa' it-tielet aggravju tal-appellant u b'hekk ser ikun hemm temperament fil-piena b'dan illi l-Qorti ser tħassar is-sentenza appellata f'dik il-parti konċernanti piena ta' sena priġunerija effettiva u minflok ser tikkundanna lill-appellant għal piena ta' priġunerija t-terminu ta' liema ser ikun wieħed sospiż.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dan l-appell bil-mod segwenti:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1), tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjoni miġjuba kontrih;

- tħassar is-sentenza appellata f'dik il-parti konċernanti l-piena ta' sena priġunerija effettiva u minflok tikkundanna lill-appellant għall-piena ta' sena priġunerija li bis-saħħa ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tiġi sospiża għall-perjodu ta' sentejn mid-data ta' din is-sentenza;

- tikkonferma l-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Finalment din il-Qorti spjegat ukoll bi kliem ċar lill-ħati r-responsabilita' li titnissel minn Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**